# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Novembru, 2020.**

**Numru 29**

**Rikors numru 949/12 JPG**

**Carmelo Zammit, u martu Georgina Zammit u Maria Zammit u b'digriet tad-9 ta' Lulju 2020 stante l-mewt ta' Carmelo Zammit l-atti gew trasfuzi f'isem Georgina Zammit u Maria Zammit**

**v.**

**Dino Demicoli**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors li ressqu l-atturi fl-20 ta' Settembru, 2012, u li jaqra hekk:

> "1. Illi l-attriċi rikorrenti Maria Zammit u l-konvenut intimat kellhom relazzjoni, li ntemmet madwar sentejn ilu, u minn din ir-relazzjoni twieled tifel; u
>
> "2. Illi l-konvenut intimat xtara u akkwista fond, ossia appartament ġewwa San Ġwann, bl-indirizz Flat 8, Block 11, Door A, Triq il-Pepprin, San Ġwann, liema fond inxtara in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Abela; u

“3. Illi għalkemm l-attriċi rikorrenti Maria Zammit ma kienitx parti fuq dan l-att ta’ kompro-vendita, madanakollu, peress illi l-istess attriċi rikorrenti u l-konvenut intimat kien għad kif kellhom tarbija, il-partijiet kienu bil-ħsieb li jibdew jgħixu flimkien bħala familja f’dan l-appartament, il ġenituri tal-attriċi rikorrenti, u ċioe` l-atturi rikorrenti l-oħra Carmelo u Georgina konjuġi Zammit, kienu aċċettaw li jgħinu lill-konvenut intimat finanzjarjament sabiex ikun jista’ jixtri dan l-appartament billi jsellfuħ xi flus; u

“4. Illi l-istess atturi rikorrenti konjuġi Zammit taw lill-konvenut intimat b’self *brevi manu* s-somma ta’ tmienja u għoxrin elf Euro (€ 28,000) li ntużaw sabiex il-konvenut intimat xtara u akkwista l-fond in kwistjoni, u liema ammont kien parti mill-prezz finali tal-akkwist, u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u

“5. Illi wara li r-relazzjoni bejn l-attriċi rikorrenti Maria Zammit u l-konvenut intimat intemmet, u għalhekk l-istess attriċi rikorrenti ma kien fadlilha ebda konnessjoni mal-fond in kwistjoni, l-istess atturi rikorrenti talbu lill-konvenut intimat sabiex irodd lura lilhom il-flus li kienu sellfuħ sabiex inxtara l-appartament in kwistjoni, iżda dan irrifjuta li jrodd lura s-somma msemmija; u

“6. Illi l-konvenut intimat huwa debitur tal-atturi rikorrenti fl-ammont ta’ tmienja u għoxrin elf Euro (€ 28,000); u

“7. Illi l-konvenut intimat, għalkemm interpellat sabiex jirrifondi l-ammont imsemmi, baqa’ inadempjenti, u l-ammont mitlub mill-atturi rikorrenti huwa ċert, likwidu u dovut; u

“8. Illi l-atturi rikorrenti qed bil-ġurament tagħhom jiddikjaraw illi fil-fehma tagħhom il-konvenut intimat ma għandux difiża x’jaghti kontra t-talba tagħhom;

**“Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:**

“1. Tgħaddi sabiex tiddeċiedi u tilqa’ t-talbiet tal-atturi rikorrenti bid-dispensa mis-smiegħ tal-kawża b’applikazzjoni ta’ Artikolu 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

“2. Tordna u tikkundanna lill-konvenut intimat iħallas lill-atturi rikorrenti s-somma ta’ tmienja u għoxrin elf Euro (€ 28,000) rappreżentanti self *brevi manu* li sar mill-atturi rikorrenti lill-konvenut intimat, kif premess.

“Bl-ispejjeż, inkluż tal-ittra ufficjali datata 23 ta’ Jannar 2012, u bl-imgħax kontra l-konvenut intimat, nġunt għas-subizzjoni.”

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut li in forza tagħha eċċepixxa:

> "1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mhux minnu illi l-intimat Dino Demicoli ottjena self *brevi manu* mingħand ebda wiehed u wahda mir-rikorrenti f'ebda somma u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.
>
> "2. Illi l-azzjoni odjerna ġiet ispirata mill-fatt li bejn Dino Demicoli u r rikorrenti Maria Zammit kien hemm relazzjoni sentimentali li tħassret tort unikament ta' l-istess rikorrenti Maria Zammit u b'animu ta' ritaljazzjoni r-rikorrenti Zammit qegħdin jippruvaw jivvessaw lill-istess Dino Demicoli bi pretensjoni għal kollox inveritjieri kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża.
>
> "3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."

3. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Ġunju, 2016 li in forza tagħha ddeċidiet il-kawża fis-sens li ġej:

> "billi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat, tastieni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba in vista tad-digriet ta' din il-Qorti tat-28 ta' Jannar 2013, tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tmienja u għoxrin elf Ewro (€28,000) bl-imgħax legali dekorribli mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali tat-23 ta' Jannar 2012 sad-data tal-pagament effettiv.
>
> "Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat."

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Mill-provi prodotti mir-rikorrenti **Maria Zammit** a fol 22 – 26 jirriżulta illi hija kellha relazzjoni mal-intimat, li minnha kellhom wild wieħed, u kienu tħajjru illi jixtru post biex imorru jgħixu flimkien bħala familja. Spjegat illi huma kellhom bżonn faċilita ta' self mingħand il-bank għal dan, u l-ewwel kienu marru għand il-BOV li pero ma kienux ikkonċedewlhom self, minħabba li skoprew li l-intimat kien għamel użu mill-*credit card* tiegħu għal xi logħob tal-azzard. Għalhekk huma kienu marru għand l-HSBC. Qalet illi peress illi l-HSBC ma kienux koprew il-loan kollha, missierha kien silef lill-intimat is-somma ta' Lm12,000, ekwivalenti għal

tmienja u għoxrin elf Ewro (€28,000), u l-intimat akkwista l-post fuq ismu biss peress illi dak iż-żmien hi ma kinietx taħdem. Żiedet illi qabel daru fuq missierha, kienu talbu għajnuna lil ġenituri tal-intimat iżda dawn irrifjutaw. Qalet ukoll illi anke liz-zija tal-intimat kienu staqsew għall-għajnuna u din filfatt kienet ċemplet lil ħuha Joe Pelligrini li qal li ma setgħax joffri għajnuna peress li l-flus tiegħu kienu marbutin f'kont barra minn Malta. Spjegat ukoll illi missierha kien mar magħhom għand in-Nutar pero l-intimat beda jistħi jammetti man-Nutar li l-flus li kienu qed jitħallsu fuq il-konvenju kienu ta' missierha. **Żiedet illi missierha kien ġibed il-flus minn kont li kellu mal-APS u għoddewhom u l-ftehim kien li hu jagħtihom ċans sakemm jirpiljaw mill-ispejjeż li kellhom tal-post u mbagħad iħallsuħ lura.**

"Kompliet illi meta ntemmet ir-relazzjoni, **l-intimat keċċieha mill-post, flimkien ma binhom ta' erbgħa snin.** Preżentement kienu qed joqgħodu fl-appartament in kwistjoni, l-intimat, flimkien ma' zitu, l-*partner* tagħha u tlett itfal oħra. Qalet ukoll illi missierha ried jagħmel kuntratt mal-intimat rigward il-flus li kien selfu iżda l-intimat baqa' jippika u dan qatt ma sar.

"Meta xhedet fil-konfront tal-intimat a fol 98 – 99, ikkonfermat illi missierha kien sellef l-ammont ta' €28,000 lill-intimat u li meta omm l-intimat kienet saret taf b'dan, **kienet qaltilha illi hi (Zammit) xorta waħda qatt ma kien ser ikollha sehem minn dak il-post.**

"In kontro-eżami a fol 142 – 143 xehdet illi meta missierha mar jiġbed il-flus mill-bank kien mar waħdu, iżda ommha kienet taf li kien mar jiġbed il-flus. Mistoqsija għalfejn inġibdet is-somma ta' €28,000 f'daqqa jekk fuq il-konvenju tħallsu €10,000 bħala depożitu, wieġbet **illi dan kien għaliex il-flus kienu qiegħdin depożitati f'kont fiss u għalhekk ma setgħax jiġbed parti minnhom biss.**

**"Carmelo Zammit** a fol 27 – 30 missier Maria Żammit xehed illi huwa jiġi missier l-istess Żammit, u li kien għen lill-intimat biex jixtri post sabiex hu u bintu ma jitilfuħx billi sellifhom Lm12,000, ekwivalenti ghal €28,000. Spejga li dawn il-flus kien mfaddlin f'kont mal-APS u kien ġibidhom f'darba waħda viċin il-konvenju. I**kkonferma d-dokument eżebit a fol 4 tal-proċess bħala l-irċevuta rilaxxata mill-APS meta ġibed is-somma msemmija.** Qal illi l-intimat kien dejjem jgħidlu li ser iħallsu lura, iżda qatt ma għamel ebda ħlas. Lanqas ma setgħa jsir kuntratt peress li għalkemm kien talbu diversi drabi biex imorru għand nutar jew avukat, l-intimat qatt ma kien addevjena għall-kuntratt. Qal illi huwa kien preżenti kemm għal konvenju kif ukoll għal kuntratt ta' bejgħ. Spejga illi is-somma ta' €28,000 kien ta lil bintu, u kienu ħarġu parti fuq il-konvenju u parti fuq il-kuntratt.

"Meta xehed fil-konfront tal-intimat a fol 99 – 102 qal illi Ronnie Pelligrini ma kienx preżenti meta kien sar il-kuntratt ta' bejgħ tal-proprjeta in kwistjoni. Ikkonferma illi l-flus li sellef lill-intimat kienu tiegħu u ta' martu

u kien ġabhom mill-APS Bank minn fejn kienu depożitati fl-20 ta' Marzu 2010 u li l-intimat qatt ma ħallsu xejn lura minn l-ammont misluf.

**"Carmen Mifsud,** *Customer Service Officer* mal-HSBC, xehed a fol 46 – 48 illi skont il-konvenju, l-prezz tal-proprjeta mixtrija mill-intimat kien ta' €109,480 u l-bank kien ikkonċedielu self fis-somma ta' €81,480.

"Ri-prodotta a fol 60 – 61 ikkonfermat illi, b'referenza għad-dokument immarkat HSBC illi kien sar depożitu ta' flus kontanti fl-ammont ta' €17,255, li imbagħad kien soġġett għal bank *transfer* f'isem Charles u Sheila Bonello.

**"Dino Demicoli** xehed in subizzjoni a fol 89 - 98 illi huwa kellu relazzjoni intima ma Maria Zammit li minnha kellhom tarbija. Ikkonferma illi huwa proprjetarju ta' appartament f'San Ġwann li kien inxtara minnu fl-21 ta' Ġunju 2010 waqt li għadu f'relazzjoni ma' Zammit bl-iskop li jgħixu fl-appartament flimkien ma' binhom bħala familja. Qal illi l-appartament in kwistjoni inxtara għas-somma ta' €109,480. Spejga li huwa kien mar jieħu parir mingħand ċertu Ronnie Pelligrini, li jiġi zijuħ, li kien taħ parir biex ma jitlifx il-post u għenu biex jixtriħ. Mistoqsi kemm kellu paga dak iż-żmien wieġeb li kien jaqla' €800 fix-xahar. Qal li wara li tkellem ma' tal-bank u qalulu kemm kienu lesti li jsellfuħ, kien mar fuq Ronnie Pelligrini u qallu li kellu bżonn €28,000. Qal li għal bidu kienu għamlu karta bejnu u Ronnie Pelligrini u martu, iżda sena wara kienu għamlu kuntratt quddiem nutar. Ikkonferma li dawn il-flus kien intiżi għax-xiri tal-proprjeta, u li huwa qatt ma rċieva flus mingħand ir-rikorrenti.

**"Ronnie Pellegrini** xehed a fol 104 – 115 u 116A - 116D illi hu jiġi z-ziju tal-intimat u li l-intimat kien mar ikellmu għaliex kien se jakkwista appartament f'San Ġwann. Pellegrini kien wieġbu li jekk ikollu bżonn xi għajnuna kellu jkellem lilu jew lill-nannuħ. Spjega li sussegwentement l-intimat kien reġa mar għandu u qallu li l-bank kienu qed jitolbu li jħallas 10% mill-valur tal-proprjeta. Hu qallu li kien ser ikellem lin-nannu, peress li hu kien jieħu ħsieb l-affarijiet tal-ġenituri tiegħu. Għalhekk huwa tkellem ma' missieru u tawħ €28,000 kontanti, maqsumin f'żewġ pagamenti. Żied illi parti minn dawn il-flus, u ċioe €5,000 kienu ta' missieru u l-bqija kienu tiegħu. Kompla li kienu għamlu skrittura privata bejniethom, imbagħad kienu għamlu kuntratt quddiem nutar is-sena ta' wara. Qal ukoll illi dan is-self kienu għamluħ bil-kondizzjoni illi l-post ikun fuq isem l-intimat biss. **Mistoqsi għalfejn ma semmiex illi parti mill-flus kienu ġejjin mingħand missieru fl-iskritturi li għamel mal-intimat wieġeb li ma kellux għalfejn.**

"Mistoqsi minn fejn ġab is-somma ta' €23,000 li ta lill-intimat **wieġeb illi kellu din is-somma in kontanti d-dar**, li kien faddal mill-paga tiegħu u tal-mara. Spjega li kellu dawn il-flus kontanti d-dar, għaliex bintu kienet ser tixtri dar u żamm il-flus kontanti d-dar fl-eventwalita li jkollha bżonn xi ħaġa, u filfatt **kien għena finanzjarament fil-bini tal-post billi taħa bejn €20,000 u €25,000. Mistoqsi x'inhu x-xogħol tiegħu**

**wieġeb illi huwa jaħdem bħala *Senior Industrial Manager* mal-General Workers Union** u barra minn hekk jagħmel xogħol ieħor ta' *Industrial Relations Consultant*. Mistoqsi d-dħul tiegħu kemm kien, wieġeb illi huwa ma jagħtix informazzjoni privata tiegħu.

**"Ikkonsidrat;**

"Il-partijiet taw lil Qorti żewġ verżjonijiet kompletament konfliġġenti f'dan il-każ. Filwaqt li r-rikorrenti jsostnu li Carmelo Zammit kien sellef lill-intimat is-somma ta' €28,000 biex ikun jista' jixtri l-appartament fejn kien ser jirrisjedi ma bintu, l-intimat jgħid illi huwa qatt ma rċieva l-ebda flus mingħand ir-rikorrenti, u li l-flus li kellu bżonn kien issellifhom mingħand Ronnie Pelligrini.

"Fuq il-kwistjoni tal-konflitt tal-provi ingħad illi:

> *"mhux kwalunkwe' tip ta' konflitt (fil-verżjonijiet mogħtija tal-partijiet) għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minħabba fiħ ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha .... .... Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u speċjalment dwar il-konsistenza u verosomiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke' fuq il-bilanċ tal-probabilita' u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (...) anzi', f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verżjoni u oħra, aktar tidher il-possibilita' tal-qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."*[1]

"Ingħad ukoll illi "*fi kwistjoni ta' kredibilita' u apprezzament ta' provi l-kriterju ma huwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk l-ispjegazzjoni hix possibbli u minn awl id-dinja fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja*."[2]

"F'każijiet fejn il-Qorti tkun rinfaċċata minn provi konfliġġenti, l-Qorti għandha tkun gwidata minn żewġ prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi li jkunu ġew prodotti quddiema, u ċioe:

> *1. "Li tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra; u*
>
> *2. "Fin-nuqqas, li tiġi applikata l-massima actore non probante reus absolvitur.*[3]*"*

---

[1]**Carmelo Farrugia vs Rokko Farrugia**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 24 ta' Novembru 1966.
[2]**Joseph Borg vs Joseph Bartolo**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Inferjuri) deciza 25 ta' Gunju 1980.
[3]**Maria Xuereb et vs Clement Gauci et**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Nferjuri) deciza 24 ta' Marzu 2004.

"Fi kliem ieħor il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konviċiment tal-ġudikant.[4]

"L-intimat xehed illi zijuħ Ronnie Pellegrini kien sellfu is-somma ta' €28,000 li kellu bżonn biex jixtri l-appartament in kwistjoni, u bħala prova ta' dan produċa bħala xhud lil Pellegrini stess sabiex jikkonferma li kien sellef il-flus l-intimat. Apparti minn hekk ġew prodotti wkoll skrittura privata, kostituzzjoni ta' debitu u riċevuti ta' ħlasijiet akkont li allegatament għamel l-intimat lil Pellegrini sabiex iħallas lura d-dejn li kellu miegħu.

**"Ir-rikorrenti minn naħa tagħhom, preżentaw kopja ta' riċevuta rilaxxata mill-bank APS li turi li r-rikorrent Carmelo Zammit kien ġibed mill-kont bankarju tiegħu is-somma msemmija jum biss qabel ma sar il-konvenju.**

"Wara li semgħat ix-xhieda ta' Ronnie Pelligrini, **l-Qorti għandha dubbji serji fuq il-veracita tat-testimonjanaza ġuramentata tiegħu.** Il-Qorti innotat illi **Pellegrini kien evasiv meta mistoqsi kemm kien is-salarju tiegħu,** saħansitra tant illi irrifjuta li jwieġeb lil Qorti u sostna li ma jagħtix informazzjoni privata tiegħu. Din kienet informazzjoni kruċjali sabiex tikkorrobora x-xhieda tiegħu stess u ċioe' li hu kellu **€23,000 li allegatament sellef lill-intimat, u dan oltre li kien għadu kif kellu bejn €20,000 u €25,000 li ta lil bintu biex għena fil-bini tal-proprjeta tagħha**, **kontanti d-dar li setgħa faċilment jiddisponi minnhom.** Din il-Qorti għandha diffikolta' biex temmen illi x-xhud, **li kien impjegat mal-General Workers Union**, u allegatament kien jagħmel xi xogħol *part-time*, **kellu a disposizzjoni tiegħu minn tal-inqas €43,000 fi flus kontanti d-dar li setgħa qabad u ddispona minnhom mingħajr disaġju u minn mument għall-ieħor.**

"Il-Qorti wkoll ssiba diffiċli temmen illi l-istess xhud kien ħa flus minn ta' missieru biex jgħin lill-intimat u, bħala prokuratur ta' missieru, għamel dan **mingħajr ma ta ebda rendikont għal benefiċċju tal-eredi l-oħra,** li wara kollox kien ikollhom sehem mill-€5,000 u li għalhekk kellhom kull dritt u interess li jkunu jafu fuq dan l-allegat self.

"Il-Qorti fliet ukoll ir-rendikonti bankarji tal-intimat li ġew eżebiti fl-atti, **u tagħraf illi dawn ma joffru l-ebda korroborazzjoni jew konfort** għar-riċevuti tal-pagament li allegatament kien jagħmel l-intimat lil Pellegrini, **peress illi ma jirriżultax li dawn il-flus inġibdu mill-kont tal-intimat, nonostante l-fatt li l-paga tiegħu kollha kienet tidħol fl-istess kont bankarju.**

[4]**Joseph Vella vs Judas Taddeo sive Teddy Borg et**, Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) deciza 19 ta' Mejju 2015.

> Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma illi l-verżjoni tal-intimat m'hijiex verosimili wisq anqas attendibbli.
>
> "Minn naħa l-oħra, ir-rikorrenti produċew prova ċirkostanzjali oġġettiva li tikkorobora l-verżjoni tagħhom, u ċioe l-irċevuta tal-bank li tikkonferma li r-rikorrent Carmelo Zammit kien ħareġ somma flus ekwivalenti għas-somma li kellu bżonn l-intimat biex ikun jista' jixtri l-proprjeta in kwistjoni. Fid-dawl ta' dan, u tad-deposizzjoni ċara u kostanti tar-rikorrenti, il-Qorti hija moralment konvinta illi huma pruvaw il-każ tagħhom sal-grad rikjest mill-liġi."

5. Rat ir-rikors tal-Appell tal-konvenut li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti jogħġobha:

> "tirrevoka, tħassar u tikkanċella s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Rikors ġuramentat numru 949/12/JPG Carmelo Zammit et - VS- Dino Demicoli u tiċħad t-talbiet reikorrenti u tilqa r-risposta ta' l-appellant bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi jkunu a karigu ta' l-appellati in solidum."

6. Rat ir-risposta tal-atturi li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnhom premessi, jissottomettu:

> "Illi s-sentenza li ngħatat mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet premessi, liema deċiżjoni ngħatat fis-16 ta' Ġunju 2016, hija ġusta u korretta, u timmerita illi tiġi kkonfermata, u għalhekk l-appell odjern interpost mill-intimat appellanti għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu."

7. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

9. Illi din il-kawża hija waħda għar-rifużjoni ta' self *brevi manu*. L-atturi Maria Zammit u l-konvenut Dino Demicoli kellhom relazzjoni li minnha twieled tifel. Waqt li kienu għadhom flimkien, riedu jixtru post biex fih joqogħdu bit-tifel, u fil-fatt, il-konvenut xtara fuq ismu fond ġewwa San Ġwann. Il-konvenut ma kellux flus biex jixtri l-fond u ħa self mingħand bank lokali. Dan il-bank esiġa li l-konvenut joħroġ sehmu hu bħala parti mill-prezz, iżda peress li ma kellux flus lanqas għad-depositu, kellu jissellef dan mingħand terzi. Is-somma li ssellef kienet ta' €28,000.

10. L-attriċi Maria Zammit tgħid li kienu l-ġenituri tagħha li għaddew dawn il-flus lill-konvenut, u issa li r-relazzjoni bejn din l-attriċi u l-konvenut spiċċat, hija flimkien mal-ġenituri tagħha qed jitolbu r-rifużjoni ta' din is-somma mislufa.

11. Il-konvenut jiċħad li ssellef flus mingħand l-atturi, u jgħid li l-flus ħadhom mingħand zijuh tant li ffirmaw skrittura bejniethom f'dan is-sens, liema skrittura ġiet tranżunta fl-atti ta' Nutar Pubbliku.

12. L-ewwel Qorti, li semgħet ix-xhieda hija stess, qieset li l-verżjoni tal-atturi hija aktar kredibbli u aċċettat it-teżi tagħhom, u ordnat lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma msemmija ta' €28,000.

13. Il-konvenut appella mis-sentenza u qed jallega li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi.

14. Trattat l-appell, din il-Qorti tibda biex tosserva, li ġie kostantement ritenut mill-qrati tagħna illi l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti tal-ewwel grad ma għandux jiġi disturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri, u li dan għandu jsir biss f'dawk il-każijiet fejn iċ-ċirkostanzi jkunu tali li jikkonvinċu l-qorti ta' reviżjoni illi l-apprezzament tal-ewwel Qorti kien tant żbaljat li altrimenti tkun ser tiġi kreata inġustizzja. Din il-Qorti trid, ovvjament, teżamina l-provi biex tara jekk d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti hijiex ġusta jew le, u jistax wieħed joqgħod fuqha.

15. Annalizzati l-provi, din il-Qorti tara li għandha taqbel mad-deċiżjoni kif promulgata mill-ewwel Qorti. It-teżi tal-atturi hija aktar kredibbli u verosimili, l-aktar meta wieħed iqis il-prova li saret li l-attur Carmelo Zammit irtira din is-somma flus jum qabel ma ġie ffirmat il-konvenju. Hu veru li l-attriċi tgħid li missierha rtira l-flus minn kont fiss li kellu l-bank, mentri l-kont kien wieħed *savings*, iżda dan l-iżball ma għandux itellef mill-kredibilita` tal-istess Carmelo Zammit li kien aktar preċiż fix-xhieda tiegħu. Dan qal li l-flus tahom lil bintu li wżathom biex inxtara l-fond ta' San Ġwann fuq isem il-konvenut.

16. Il-konvenut jgħid li hu l-flus ħadhom mingħand zijuh, u wera l-iskrittura li huma iffirmaw u li juri dan. Jgħid li hi stramba kif, kieku hu ħa l-flus kif jgħidu l-atturi, ma saritx skrittura privata f'dan is-sens. Apparti l-fatt li fil-mument li sar is-self l-attriċi Maria Zammit u l-konvenut kienu f'relazzjoni amikevoli u kienu jafdaw lil xulxin, jirriżulta li l-konvenut kien jiġi mitlub jiffirma dokument biex jirreġistra d-dejn tiegħu, iżda dejjem irrifjuta li jsir dan.

17. Hu veru li kien ikun aħjar li kieku l-atturi ressqu bħala xhud lil xi uffiċjal tal-bank minn fejn Carmelo Zammit żbanka l-flus, pero`, dan in-nuqqas ma dgħajjifx il-pożizzjoni tal-atturi, għax Carmelo Zammit ressaq l-irċevuta li ġiet rilaxxata mill-bank meta ġibed is-somma msemmija.

18. Iz-ziju tal-konvenut, meta xehed, irrifjuta li jgħid kemm kien id-dħul tiegħu, għalkemm jgħid li kellu mal-€43,000 fi flus kontanti d-dar (dan għax apparti l-flus li jgħid li silef lill-konvenut, qal li kien għadda bejn €20,000 u €25,000 lil bintu). Għalhekk, filwaqt li l-attur Carmelo Zammit wera biċ-ċar kif u meta żbanka s-somma in kwistjoni mill-bank, l-allegat persuna li silfet il-flus lill-konvenut, tgħid li kellha dawn il-flus kontanti d-dar. Is-somma komplessiva li dan jgħid li żamm id-dar ma hijiex waħda żgħira, u mhux faċli jitwemmen.

19. Il-konvenut jixli lill-attriċi Maria Zammit bi *frame up* għax jgħid li l-flus li żbanka missierha żammithom hi. Din, pero`, baqgħet allegazzjoni u ma tressqet ebda ombra ta' prova in sostenn tagħha.

20. Din il-Qorti qrat ix-xhieda kollha prodotta u qieset ukoll il-kummenti tal-konvenut, pero`, bħall-ewwel Qorti qabilha, tara li għandha tagħti kredibilita` lill-atturi u b'hekk tikkonferma d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenut Dino Demicoli billi tiċħad l-istess u tikkonferma fis-sħiħ is-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm